MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 169/2008

**Anthony u Anna konjugi Galea**
**(I.D. 615153M u I.D. 800957M rispettivament)**

**-vs-**

**Eric Bugeja u Susana E. Higayon**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu il-hlas tas-somma t'elfejn, mija u disgha u hamsin euro u tlieta u sittin centezmi (€2,159.63) – (Lm927.13) rapprezentanti kontijiet tad-dawl u l-ilma pendenti fuq il-fond 51, Olympic Flat 2, Triq l-Adrijatiku, San Gwann u hsarat fl-istess post li kien mikri lill-konvenuti.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema’ lil Anna Galea li l-konfermat li l-ammont ghadu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu is-somma t’elfejn, mija u disgha u hamsin euro u tlieta u sittin centezmi (€2,159.63) – (Lm927.13), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------